MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010

Numru. 1058/2009

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Magri)**

**vs**

**Joseph Zahra 56 sena bin Joseph u Anne nee` Cutajar imwieled f'Birzebbugia fis-6 ta' April 1953 u li joghod 'Officers Mess' Blokk 5, Dar 2, Triq Hal-Far, Zurrieq. Detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 293553(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Joseph Zahra li gie akkuzat talli f'xi hin matul il-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Settembru 2009 mill-fond bl-isem 'Dar Madliena' sitwata fi Triq il-Kosta Bahar ic-Caghaq ikkommetta serq ta' zewgt iklieb tar-razza 'German Sheppard' u 'Rotweiller'

rispetivament ghad-dannu ta' Michael Angelo Fenech, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma teccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-lok.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentament, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa , mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 u 289(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-7 ta' Ottubru, 2009, biex din il-kawza tinstema bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghall-ewwel u ghat-tielet akkuza liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-provi prodotti u fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tielet akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ser tastjeni mill-tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza peress illi din inghatat bhala kap alternattiv ghall-ewwel imputatzzjoni.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konisiderazzjoni l-ammissjoni bikrija

maghmulha mill-imputat u l-fatt illi l-imputat ikkollabora mal-pulizija u l-klieb mehudha minnu gew ritronati lil sidhom minnufih.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(e)(f),(c ), 267, 270, 269, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tielet akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tqieghed lill-hati ta' Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet mghotija lilu mill-Ufficjal tal-Probation li jkun qed isegwih.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------